MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru 585/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs.**

**Fikadu Bizunek Takele**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Fikadu Bizunek Takele**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, nazzjonalita' Eritreana, iben Bizneh u Demekech, imwieled Eritrea nhar it-2 ta' Mejju 1992 u residenti c-Centru Miftuh ta' Hal-Far u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 12Y-022, akkuzat talli:

fit-18 ta' Gunju 2013 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport Svizzeru jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport Svizzeru li hu

kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih f'isem Maxud Osman Ahmed bin-numru F3675214 (Kapitolu 61, Artikolu 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kapitolu 9, Artikolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217, Artikolu 32(1)(d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa), l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri u kif ukoll dak li gie verbalizzat fis-seduta tallum mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza rigward il-piena idonea li ghandha tinghata lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Fikadu Bizunek Takele hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' erbatax (14) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------